II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tad-9 ta' Marzu 2011**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika**

(2011/343/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika,

(2) Dak il-Ftehim ġie ffirmat mir-rappreżentanti tal-Partijiet fit-30 ta' Novembru 2009 fi Brussell, u ġie applikat proviżorjament mal-iffirmar skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, sakemm jiġi konkluż.

(3) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 7(2) tal-Ftehim u jagħmel in-notifika li ġejja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan:

"B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, ir-referenzi għal 'il-Komunità Ewropea' fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn adatt, jinqraw bħala 'l-Unjoni Ewropea'."

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

CSÉFALVAY Z.

([1]) Ara paġna 108 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.